Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,494, 31 ta' Ottubru, 2003
Taqsima B

A.L. 329 ta' l-2003

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI
(ATT NRU. XXIII TA' L-2001)

Kriterji għall-Approvazzjoni jew Rikonoxximent ta' Organizzazzjonijiet u Assoċjazzjonijiet li jżommu jew jistabbilixxu *Stud-Books* għal *Equidae* Reġistrat.

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 34(d) ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Kriterji għall-Approvazzjoni jew Rikonoxximent ta' Organizzazzjonijiet u Assoċjazzjonijiet li Jżommu jew Jistabbilixxu *Stud-Books* għal *Equidae* Reġistrat.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jimplimenta ir-regoli mniżżla taħt id-DeċIżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 92/353/EEC li tistabbilixxi l-kriterji għall-approvazzjoni jew rikonoxximent ta' organiżżazzjonijiet u assoċjazzjonijiet li jżommu jew jistabbilixxu *stud-books* għal *equidae* reġistrat. Din id-Deċiżjoni issib bażi legali taħt id-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 90/427/EEC, artikolu 4(2)(a).

Approvazzjoni jew rikonoxximent uffiċjali ta' organiżżazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet li jżommu jew jistabbilixxu *stud-books*

2. Sabiex jiġu approvati jew rikonoxxuti uffiċjalment, organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet li jżommu jew jistabbilixxu *stud-books* għandu jippreżentaw applikazzjoni lill-awtoritajiet tat-territorju ta' Malta jew ta' l-Istat Membru li fit-teritorju tiegħu jkunu jinsabu l-kwartieri ġenerali tagħhom.

Procedura skond kif imniżżel taħt regolament 2

3. (1) Meta Malta bħala Stat Membru tkun involuta fil-proċedura mniżżla taħt ir-regolament 2, l-awtoritajiet inkwistjoni jridu jagħtu approvazzjoni jew rikonoxximent uffiċjali lil kull organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li żżomm jew tistabbilixxi *stud-book,* kemm-il darba din tkun issegwi l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Madanakollu, fejn ikunu jeżistu organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet uffiċjalment approvati jew rikonoxxuti ta' razza partikolari, l-awtoritajiet jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu organizzazzjoni jew assoċjazzjoni ġdida -

(a) jekk din hija ta' periklu għall-preservazzjoni tar-razza jew tipperikola l-operazzjoni jew il-programm ta' titjib jew ta' l-għażla ta' organizzazzjoni jew assoċjazzjoni eżistenti, jew

(b) jekk *equidae* ta' dik ir-razza jistgħu jiddaħħlu jew ikunu reġistrati f'taqsima speċifika ta' *stud-book* miżmum minn organiżżazzjoni jew assoċjazzjoni li tkun tapplika b'mod partikolari għal dik it-taqsima il-prinċipji stabbiliti skond paragrafu 3(b) ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti mill-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni li żżomm l-i*stud-book* ta' l-oriġini ta' dik ir-razza.

(3) L-awtoritajiet inkwistjoni għandhom jinformaw lill-Kummissjoni Ewropea dwar kull approvazzjoni jew rikonoxximent uffiċjali mogħti, kif ukoll kull rifjut kontestat.

(4) Meta organiżżazzjoni jew assoċjazzjoni tiġi rifjutata l-approvazzjoni jew ir-rikonoxximent uffiċjali, ir-raġunijiet għar-rifjut għandhom jiġu komunikati bil-miktub lill-assoċjazzjoni jew lill-organizzazzjoni.

Irtirar ta' l-approvazjoni uffiċjali

4. L-awtoritajiet involuti għandhom jirtiraw l-approvazzjoni jew ir-rikonoxximent uffiċjali lil kull organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li żżomm *stud-book,* jekk dik ma tibqax issegwi b'mod konsistenti l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

SKEDA

Sabiex tkun approvata jew rikonoxxuta uffiċjalment, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li żżomm *stud-books,* li tistabbilixxi taqsimiet ta' *stud-books,* u li tistabbilixxi *stud-books* għal *equidae* reġistrati:

1. Għandu jkollha personalità legali skond il-leġislazzjoni fis-seħħ fit-teritorju ta' Malta jew fl-Istat Membru fejn issir l-applikazzjoni;

2. Għandha tissodisfa lill-awtoritajiet kompetenti li:

(a) topera b'mod effiċjenti;

(b) taqbel mal-prinċipji stabbiliti skond paragrafu 3(b) ta' l-Iskeda mill-organiżżazzjoni jew assoċjazzjoni li żżomm l-*istud-book* ta' l-oriġini tar-razza, sakemm dik ma tkunx organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li hija stess iżżomm dak l-*istud-book* ta' l-oriġini tar-razza;

(ċ) tista' twettaq il-verifiki meħtieġa biex tirrekordja *pedigrees;*

(d) għandha għadd suffiċjenti ta' *equidae* biex twettaq programm ta' titjib jew ta' għażla jew biex tippriserva r-razza fejn dan ikun meħtieġ;

(e) tista' tipprovdi d-*data* (per eżempju fuq il-*performance*) meħtieġa biex twettaq programm ta' titjib, ta' għażla jew ta' preservazzjoni;

3. Għandu jkollha prinċipji stabbiliti dwar:

(a) is-sistema biex tipprovdi *data* (per eżempju fuq il-*performance*) li permezz tagħha *equidae* jistgħu jiġu evalwati bl-iskop ta' titjib, għażla u preservazzjoni tar-razza;

(b) fil-każ ta' organiżżazzjoni jew assoċjazzjoni li żżomm *stud-book* ta' l-oriġini tar-razza:

- is-sistema kif jiġu registrati *pedigrees,*

- id-definizzjoni tal-karatteristiċi tar-razza (jew razez) jew ta' popolazzjoni koperta bl-*istud-book,*

- il-prinċipji tas-sistema biex l-*equidae* jkunu identifikati,

- id-definizzjoni ta' l-oġġettivi bażiċi ta' l-għażla,

- it-tqassim ta' l-i*stud-book*, jekk ikun hemm kondizzjonijiet differenti biex jiddaħħlu l-*equidae*, jew jekk ikun hemm proċeduri differenti biex ikunu klassifikati l-*equidae* mdaħħla fil-ktieb,

- l-arbli tar-razza mdaħħla fi *stud-book* wieħed jew aktar, fejn meħtieġ;

4. għandu jkollha regoli ta' proċedura li jipprovdu, b'mod partikolari, għal trattament mhux diskriminatorju bejn min irabbi. Madanakollu, fil-każ meta għal razza waħda fit-territorju ta' Malta jew fit-territorju ta' l-Istati Membri, ikun hemm diversi organiżżazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet li bejniethom ikunu jkopru it-territorju kollu, ir-regoli ta' proċedura ta' organizzazzjoni jew assoċjazzjoni jistgħu jipprovdu li l-*equidae* għandhom jkunu twieldu f'territorju partikolari biex jikkwalifikaw li jiġu reġistrati għal skopijiet ta' dikjarazzjoni ta' twelid. Dik ir-restrizzjoni ma tapplikax għal xi reġistrazzjoni li ssir għal skopijiet ta' riproduzzjoni.